**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 29 ta’ Ottubru, 2001.**

**Numru 15**

**Avviz numru 940/01**

**Cycle World Limited**

**vs**

**Michael Said**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta‘ erba mija u tlieta u disghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm493.69) rapprezentanti in kwantu ghal tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u hamsin centemzu (Lm385.52) bhala bilanc ta’ prezz ta’ mutur tal-ghamla Honda Crm bin-numru ta’ registrazzjoni JBC-636 mibjugh lill-konvenut mis-socjeta’ attrici u in kwantu ghal mija u tmien liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm108.17) bhala spejjes u drittijiet professjonali.

Bl-interessi legali mill-20 t'Ottubru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Nicolai Muscat Farrugia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**